# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Novembru 2000**

**Numru 54**

**Citaz. numru 513/94 DS**

John Theuma
vs
Stephen Cassar

Illum, 14 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Novembru 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fit-22 ta' Lulju 1994, filwaqt illi l-attur kien qed isuq il-vettura V-5842 fi Triq Freres, Gzira, huwa kien involut f'kollizzjoni mal-Van S-2860 li baqa' hiereg minn Triq Luqa Briffa, li hija triq sekondarja fil-konfront ta' Triq Freres;

Illi b'rizultat ta' din il-kollizjoni l-attur sofra danni ammontanti ghall-Lm400 (erba' mitt liri Maltin).

Illi din il-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza, traskuragni w inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Illi ghalkemm interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti, il-konvenut baqa' inadempjenti u qed jirrespingi responsabbilita';

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-kollizzjoni li grat fit-22 ta' Lulju, 1994, bejn il-vettura V-5842 tal-attru u l-Van S-2860 tal-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm400 jew somma verjuri, rappresentanti danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-kollizzjoni fuq imsemmija, okkorrendo jekk hemm bzonn, bin-nomina ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-pretenzjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-incident ma sehx tort kollu tal-konvenut izda 2/3 tort tieghu u 1/3 tort tal-attur.

2. Illi l-konvenut m'ghandux ibati ebda spejjes jekk il-Qorti issib li r-responsabbilita' kienet hekk maqsuma.

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-12 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala espert tat-traffiku biex wara li jambjenta ruhu mal-lokalita` ta' l-incident u b'hekk ikun aktar f'qaghda li aktar jistharreg il-kaz u wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz u occorrendo jillikwida d-danni;

Rat id-digriet tat-12 ta' Jannar 1996 fejn, fuq talba ta' l-imsemmi espert tat-traffiku stess, huwa gie ezentat mill-inkariku tieghu;

Rat id-digriet tat-18 ta' Marzu 1996 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Grech bhala espert tat-traffiku bl-istess inkariku;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-7 ta' April 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-incident in kwistjoni gara fejn Triq il-Freres u Triq Luqa Briffa jiltaqghu biex jiffurmaw fetha zghira li taghqad ma' Triq San Bert, fil-Gzira. L-attur kien gej isuq go Triq San Bert mid-direzzjoni ta' l-iskola Stella Maris u dar fuq il-lemin tieghu biex jibqa' niezel Triq il-Freres ghal ghand Gasan. Meta gara l-incident ma kinux jezistu it-tliet istop signs li huma jezisru fl-inkrocju bejn dawn it-tliet toroq u inoltre kemm Triq il-Freres kif ukoll Triq Luqa Briffa kienu two-way.

**L-attur** xehed li hu u ghaddej minn Triq il-Freres u kif wasal f'salib it-toroq ma' Triq Luqa Briffa, ra l-karrozza tal-konvenut hierga bi speed qawwi minn Triq Luqa Briffa. Mad-daqqa l-konvenut gibdu daqsxejn ghal fuq ix-xellug. Qal li l-konvenut ma waqafx fil-kantuniera ta' Triq Luqa Briffa qabel ma hareg ghal Triq il-Freres izda baqa' ghaddej. Wara l-habta l-konvenut qallu illi billi l-van kien diesel ma jieqafx malajr. In kontroezami qal li l-ispeed tieghu kien bejn 15 u 20 k.f.s

**Simon Falzon** kien riekeb ma' l-attur u stqarr ukoll li l-konvenut hasdu ghax baqa' hiereg minghajr ma' waqaf u ma kienx ghaddej bil-mod. Qal li huma kienu qed jirrallentaw ghax kienu waslu.

**Il-konvenut** mill-banda l-ohra stqarr li hu kien hiereg minn Triq Luqa Briffa u kif wasal fil-kantuniera ma' Triq il-Freres giet karrozza Mercedes min-naha tal-lemin li riedet tidhol ghal Triq Luqa briffa. Il-Mercedes irriversjat b'mod li sakkret Triq il-Freres. Sadattant hu kien waqaf, hares lejn ix-xellug tieghu fi Triq il-Freres, ma rax traffiku u hareg bil-mod minn mal-Mercedes li wara saqet ghal go Triq Luqa Briffa. Kif kien kwazi qabez Triq il-Freres, dar l-attur bi speed qawwi u baqa' diehel gol-van li kien qed isuq. Bid-daqqa tefghu guq karrozza li kienet ipparkjata bejn Triq il-Freres u Triq San Bert u rega' mmolla ghal mal-karrozza tieghu. Meta mar icempel minn garaxx vicin, ra ragel jidhol fil-karrozza li fuqha kien tefghu l-attur u jsuq minn fuq il-post. Qal li l-attur kien wahdu fil-karrozza.

**Mary Claire Pace** kienet riekba mal-konvenut u fis-sustanza kkonfermat dak li qal il-konvenut. Biss hija qalet in kontro-ezami li huma hargu bil-mod minn Triq Luqa Briffa pero` ma waqfux. Il-karrozza ta' l-attur indunat biha mal-habta.

M'hemmx dubju, u dan jirrizulta wkoll mill-iskizz tal-Pulizija, li l-incident gara fl-inkrocju format minn Triq il-Freres u Triq Luqa Briffa u li dawn iz-zewg toroq ghandhom jitqiesu bhala toroq ta' importanza ugwali. L-attur kien in effetti gej minn Triq San Bert u dahal fil-prolungazzjoni ta' Triq il-Freres biex jibqa' niezel 'l isfel. Il-kontendenti jakkuzaw lil xulxin bi speed qawwi kif ukoll li hadd minnhom ma waqaf. Effettivament jirrizulta ampjament pruvat li hadd mill-kontendenti ma waqaf biex jesplora sew l-inkrocju.

Kif tajjeb gie osservat fir-relazzjoni b'referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Gunju 1979 fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Bellizzi pro et noe vs Joseph Vella et noe", jinkombi indistintament lil kull sewwieq li jkun qed jersaq lejn l-inkrocju format minn zewg toroq ta' l-istess importanza li jipprocedi bil-mod ferm u ma jittraversax dak l-inkrocju qabel ma jkun accerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni li ebda vettura ohra ma tkun riesqa hija wkoll lejn l-istess inkrocju sija fuq il-lemin kemm, aktar u aktar, fuq ix-xellug tieghu, minhabba l-precedenza sancita fir-Regolament 68 tal-Motor Vehicles Regulations. Infatti, sakemm ma jasalx fl-inkrocju u ma jesplorahx diligentement, ebda sewwieq li jkun behsiebu jittraversah ma jista' jkun jaf minn qabel minn liema naha u taht liema cirkostanza tista' titfaccalu vettura ohra u, kwindi, tispettax lilu jew le d-dritta. Kull sewwieq ghalhekk li jonqos minn dan id-dmir strett tieghu ghandu jitqies li jkun ikkontribwixxa ghal kull eventwali kollizjoni li tista' tivverifika ruhha, b'dan biss li, fid-determinazzjoni tal-grad ta' htija ta' kull wiehed minn zewg sewwieqa li jkunu naqsu t-tnejn mid-dmir predett, jista' jittiehed in konsiderazzjoni r-'right of way' preskritt mill-imsemmi Regolament 68 tal-Motor Vehicles Regulations.

Konsegwentement huwa akkolla zewg terzi tal-htija lill-konvenut u terz lill-attur.

Minn ezami tal-provi migbura l-Qorti taqbel li r-responsabilta` f'dan il-kaz trid tigi apporzjonata b'dan il-mod. Difatti jirrizulta ampjament pruvat li hadd mis-sewwieqa ma waqaf fl-inkrocju u hadd ma esplora sew it-triq qabel ma kompla fi triqtu. Ghalhekk, filwaqt li l-konvenut ghandu jbati zewg terzi mid-danni, l-attur ghandu jbati terz minnhom.

Fis-seduta peritali tas-17 ta' Marzu 1998 il-partijiet iddikjaraw li jaqblu li d-danni li sofra l-attur jammontaw ghal Lm404.57. Fic-citazzjoni l-attur qieghed jitlob Lm400 u ghalhekk hija din is-somma li se tittiehed bhala l-bazi tal-komputazzjoni li trid issir. Billi ghalhekk il-konvenut ghandu jbati zewg terzi mir-responsabilta`, ghandu jhallas lill-attur zewg terzi

mis-somma ta' Lm400, u cioe` Lm266.67. Ghalkemm il-konvenut gab prova tad-danni li huwa sofra fl-ammont ta' Lm884.30, huwa m'ghamilx kontro-talba u ghalhekk dawn id-danni mhumiex se jittiehdu in konsiderazzjoni fil-kundanna ta' hlas tad-danni.

Dwar l-ispejjez il-konvenut jippretendi, skond it-tieni eccezzjoni tieghu, li m'ghandux ibati spejjez. Pero` l-konvenut, kif ukoll tajjeb gie osservat fir-relazzjoni, ipproduca lil missieru Joseph Cassar li meta xehed fis-seduta peritali tad-9 ta' Dicembru 1996 qal li kellem lill-claims manager tas-socjeta` assikuratrici ta' l-attur li qallu li t-tifel tieghu (il-konvenut) kellu terz favur tieghu u hu m'accettax. Ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati skond ir-rispettivi telf u rebh.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi:

(1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni li grat fit-22 ta' Lulju 1994 bejn il-vettura V-5842 ta' l-attur u l-van S-2860 tal-konvenut fil-proporzjon ta' zewg terzi,
(2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm266.67 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u kwantu ghal terz mill-attur.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**